# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' l-Erbgha 12 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 422/2018 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**PF**

**vs**

**DF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' PF, datat 19 ta' Settembru 2018, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu fis-sebgha (7) ta' Gunju tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996) fil-Knisja tal-Kappuccini l-Kalkara, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok A****.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet KF nhar it-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000). Ic-certifikat tat-twelid tal-wild hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok B****.*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenwali redatt minn Nutar Dottor Charmaine Sant datat hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012); vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok C****.*

4. *Illi l-imsemmija KF hija magorenni, u ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment, bejn il-kontendenti fil-konfront tal-manteniment ta' KF.*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi ilhom legalment separati mis-sena elfejn u tnax (2012), il-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onor. Qorti joghgobha:*

A. *Tippronunzja hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u*

B. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi DF ddikjarat illi xtaqet tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe 'G';

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**PF** xehed illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Gunju 1996 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fil-5 t'April 2012 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-

partijiet kellhom tifla wahda li llum il-gurnata hija magorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**DF** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Gunju 1996 (vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda, illum magorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Charmaine Sant, datat 5 ta' April 2012 (debitament awtorizzat mill-Qorti - vide Dok.C fol 5 et seqq.) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, tawtorizza lil DF sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubita u cioe G, u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**